



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14989/18

RECH 512
COMPET 833

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14516/18	
Suġġett:	Governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - Konklużjonijiet tal-Kunsill (aottati fit-30/11/2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka", adottati mill-Kunsill fit-3655 laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Novembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

DWAR IL-GOVERNANZA TAŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-2012 dwar "Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir"¹ li fih il-Prijoritajiet eżistenti taż-ŻER ġew miftiehma;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2013² li jappellaw għal Żona Ewropea tar-Riċerka li tiffunzjona kompletament sa tmiem l-2014 bħala objettiv politiku biex jiġu aċċellerati r-riformi strutturali tas-sistemi nazzjonali;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2015 dwar "Il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka"³ li ffurmaw il-bażi għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali taż-ŻER sussegwenti tal-Istati Membri;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2015 dwar ir-"Reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka"⁴ li ffurmaw il-bażi għar-razzjonalizzazzjoni tal-istruttura konsultattiva, li fiha l-proċess tal-ewwel reviżjoni ta' kull tliet snin tal-istruttura konsultattiva taż-ŻER huwa skedat għall-2018;

¹ Dok. 17649/12

² Dok. EUCO 169/13

³ Dok. 9351/15

⁴ Dok. 14875/15

- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2015 dwar "L-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka"⁵ li enfasizzaw il-ħtieġa li jitrawmu bidliet kulturali u istituzzjonali sostenibbli fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali taż-ŻER, jew biex jiġu żviluppati strateġiji għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER u tingħata prijorità lill-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi inkluża d-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut u l-programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni;
 - fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2017 "Mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 lejn id-Disa' Programm Qafas"⁶ li fihom il-Kunsill tenna l-importanza ta' sforzi konġunti kontinwi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp u t-tisħiħ ulterjuri taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u enfasizza r-rwol tal-Programm Qafas bħala l-istrument ewlieni li jappoġġa l-oġettivi u l-implimentazzjoni taż-ŻER;
 - fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Mejju 2018 dwar li "Titħaffef iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fl-UE"⁷, li fihom il-Kunsill esprima l-importanza ta' aktar titjib tal-politiki dwar l-Aċċess Miftuħ u x-Xjenza Miftuħa fi ħdan il-Programm Qafas u lil hinn minnu, enfasizza r-rwol tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa ftixrid ta' għarfien u talab għas-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi tar-riċerka;
1. JIRRIKONOXXI li jekk iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)⁸ issir tiffunzjona tajjeb dan ser jikkontribwixxi b'mod deċiżiv għaż-żieda fl-effettività, il-konsistenza u l-prestazzjoni ġenerali tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea, u li ż-ŻER titlob approċċ sistematiku; JILQA', f'dan il-kuntest, l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea sa mir-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2000⁹ li biha ġiet stabbilita ż-ŻER wara l-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2000¹⁰;

⁵ Dok. 14846/15

⁶ Dok. 15320/17

⁷ Dok. 9507/18

⁸ Iż-ŻER kif definita fl-Artikolu 179 TFUE

⁹ ĠU C 205, 17.7.2000, p.1.

¹⁰ Dok. 100/00

2. JIRRIKONOXXI r-rwol strateġiku importanti li għandha l-KŻER meta tagħti l-pariri lill-Kunsill sabiex jiġi żgurat li l-Ewropa timmassimizza l-impatt ekonomiku u soċjali tal-investiment fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex tiżdied il-kompetittività globali tal-Ewropa, jiġi appoġġat it-tkabbir fl-impjiegi, jitjieb l-istandard tal-għajxien għaċ-ċittadini u jitnaqqas id-distakk fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
3. ITENNI l-importanza ta' sħubija mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea fil-ħidma konġunta għat-tisħiħ taż-ŻER, inkluż permezz tad-9 Programm Qafas Orizzont Ewropa, u li jikkooperaw ma' pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas għar-Riċerka (Pajjiżi Assoċjati) u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti mix-xjenza, in-negozju u s-soċjetà;

L-ISTADJI IMPORTANTI TAŻ-ŻER

4. JENFASIZZA li nkiseb xi progress lejn ŻER imtejba fil-gruppi relatati maż-ŻER kollha li jimplimentaw il-Prijoritajiet taż-ŻER, b'hekk jirrappreżentaw stadji importanti għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka;¹¹ JILQA' l-isforzi li saru mill-KŻER fl-2018 biex jirrevedi u jadatta l-istruttura konsultattiva taż-ŻER kif deskritt fl-Opinjoni tal-KŻER tat-18 ta' Settembru 2018¹²;

¹¹ Ir-Rapport Annwali tal-KŻER tal-2017, dok. 1206/18

¹² Dok. 1209/18 u 1209/18 ADD 1

5. JENFASIZZA l-approċċ il-ġdid għall-politika ta' sħubija tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) Ewropea informata mill-Grupp ta' Ħidma ad hoc tal-KŻER dwar is-Sħubiji u l-introduzzjoni fil-proposta ta' Orizzont Ewropa ta' mekkaniżmu ġdid għall-għażla, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-tneħħija progressiva ta' sħubiji tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE; JISTENNA BIL-ĦERQA l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni li jmiss lill-KŻER f'Diċembru 2018 ta' proposta għall-qafas tal-kriterji għal sħubijiet u għall-Proċess ta' Koordinazzjoni Strateġika tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sħubiji tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, f'interazzjoni mal-Ippjanar Strateġiku għal Orizzont Ewropa; ITENNI li filwaqt li l-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jkun kompletament operazzjonali sa Mejju 2019, konsultazzjoni bikrija u strutturata tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati dwar kwalunkwe inizjattiva ta' sħubija dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni li għandha tiġi ffinanzjata taħt Orizzont Ewropa għandha sseħħ abbażi tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu tagħhom, f'każ li t-tnejn tagħhom hija mistennija li tibda qabel ma l-proċess ta' koordinazzjoni strateġika jkun stabbilit formalment; JENFASIZZA r-rilevanza kontinwa ta' attivitajiet ta' koordinazzjoni u ta' networking bejn l-Istati Membri fi ħdan u lil hinn mill-prijoritajiet tal-UE bħala parti minn sforzi relatati maż-ŻER;
6. JINNOTA l-10 anniversarju fl-2018 ta' Programmar Konġunt fiż-ŻER b'għaxar Inizjattivi ta' Programmar Konġunt (JPIs); JIEĦU NOTA tal-kisbiet reċenti tal-konfigurazzjoni dedikata tal-KŻER, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Programmazzjoni Konġunta(GPC) fit-trawwim tal-iżvilupp ta' strateġiji fit-tul għal JPIs, b'hekk jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-progress nazzjonali f'dan il-qasam; u l-istabbiliment ta' qafas ġdid għall-evalwazzjoni ta' JPIs potenzjali ġodda u eżistenti; ITENNI dwar ir-rilevanza kontinwa li jiġu indirizzati b'mod konġunt l-isfidi globali, speċjalment fi ħdan il-JPIs, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli l-appoġġ għall-proċess ta' programmar konġunt u l-JPIs, f'konformità mal-oġettivi tal-politika fil-livell nazzjonali u tal-UE;

7. JILQA' r-Rapport tal-Istrateġija u l-aġġornament tal-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI tal-2018¹³, u JISTIEDEN lill-ESFRI jħejji l-aġġornament tal-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI li jmiss fl-2021, u b'hekk jissaħħa ir-rwol strateġiku tiegħu fil-pajsaġġ tal-infrastruttura għar-riċerka li qed jevolvi; bl-istess mod JILQA' t-tieni Rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament ERIC¹⁴, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-Rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-ERIC sal-2022; JINNOTA l-ħtieġa għal miżuri xierqa sabiex jiġi faċilitat l-użu tal-istrument ERIC, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda soluzzjoni aċċettabbli għall-eżenzjoni tal-VAT għal kontribuzzjonijiet in natura, sabiex jiġu stimulati l-investimenti f'ERICs u Infrastrutturi oħrajn tal-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI, sabiex jiżdied l-aċċess transnazzjonali u miftuħ għall-Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka u sabiex tittejjeb l-istabbiltà finanzjarja tagħhom; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplementaw dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli u lill-Infrastrutturi ta' Riċerka pan-Ewropej biex jippromwovu s-servizzi tagħhom fil-livell internazzjonali u li jilħqu, fejn xieraq, lil membri ġodda internazzjonali;
8. JISĦAQ fuq l-importanza ta' azzjonijiet miftiehma u koordinazzjoni tajba bejn iż-ŻER u l-Programm Qafas, inkluż l-Orizzont Ewropa futur, għall-iżvilupp ta' suq tax-xogħol għar-riċerkaturi fl-Ewropa, u għall-politika tax-Xjenza Miftuħa dwar it-titjib tal-mekkaniżmi ta' rikonoxximent u ppremjari kif ukoll skemi ta' żvilupp tal-ħiliet għar-riċerkaturi; JISTIEDEN lill-partijiet kollha involuti sabiex jagħrfu n-natura trasversali tal-opportunitajiet ugwali u x-xjenza miftuħa, b'mod partikolari fir-rigward tar-riċerkaturi fl-istadju bikri u l-kandidati għad-dottorat;

¹³ <http://roadmap2018.esfri.eu/>

¹⁴ Dok. 11022/18

9. JISTIEDEN lill-KŻER, inkluż il-Grupp ta' Ħidma Permanenti dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà biex jirsisti għal sinerġiji aħjar bejn iż-ŻER u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja dwar kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni għolja, it-taħriġ, il-karrieri fir-riċerka u t-trijangolu tal-għarfien; f'dan il-kuntest, JINNOTA b'interess il-messaġġi dwar il-promozzjoni ta' rabta aħjar bejn l-edukazzjoni ogħla u r-riċerka fil-"Paris Communiqué" tal-25 ta' Mejju 2018¹⁵;
10. JIEĦU NOTA tal-ħidma li saret mill-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-KŻER dwar il-Ġeneru fir-Riċerka u l-Innovazzjoni rigward il-linji gwida konġunti dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (STI), flimkien mal-konfigurazzjoni dedikata tal-KŻER il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali f'STI (SFIC), inkluż ir-rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi indirizzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneru f'Orizzont Ewropa; JINNOTA bi tħassib li din il-Prijorità 4 taż-ŻER dwar il-ġeneru mhijiex implimentata bl-istess mod fl-Istati Membri, li b'hekk taffettwa l-implimentazzjoni ta' kondizzjonijiet ta' xogħol ġusti u li huma bbilanċjati bejn il-ġeneru b'mod komparabbli fir-riċerka fl-Ewropa; JILQA' l-isforzi konġunti magħmula mill-SFIC u l-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-KŻER dwar il-Ġeneru fir-Riċerka u l-Innovazzjoni bħala eżempju ta' prattika tajba għall-kollaborazzjoni ma' Prijoritajiet differenti taż-ŻER;
11. JINNOTA l-passi meħuda, inkluż il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-KŻER dwar ix-Xjenza Miftuħa u l-Innovazzjoni, lejn it-tnedija tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC), li tikkostitwixxi stadju importanti sabiex id-data dwar ir-riċerka kollha fiż-ŻER tkun ĠUSTA¹⁶; JENFASIZZA l-ħtieġa sabiex jitfassal qafas ta' governanza sod għall-EOSC f'koordinazzjoni mal-Istati Membri li jagħti s-setgħa lill-komunitajiet xjentifiċi u jista' jevolvi matul iż-żmien; JISTIEDEN lill-partijiet involuti kollha biex jimplimentaw l-EOSC kompletament fi żmien debit, u JINNOTA r-rwol importanti ta' infrastrutturi ta' riċerka f'dan il-kuntest; IFAKKAR fil-ħtieġa għal koordinazzjoni effettiva bejn l-EOSC u l-ESFRI, inkluż il-livell ta' governanza;

¹⁵ *Paris Communiqué, Conférence ministérielle européenne pour l'enseignement supérieur*, 25 ta' Mejju 2018.
http://www.ehea.info/media.ehea.info/file/2018_Paris/77/1/EHEAParis2018_Communique_final_952771.pdf

¹⁶ Findable, Accessible, Interoperable, Reusable (Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli).

12. Fid-dawl ta' żviluppi ġodda fil-qasam tat-trasferiment tal-għarfien, eż. l-Innovazzjoni Miftuħa, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-Rakkomandazzjoni tagħha tal-2008 dwar il-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali f'attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien, u l-Kodiċi ta' Prattika għal universitajiet u organizzazzjonijiet oħra tar-riċerka pubblika sabiex jitkompla jissaħħaħ l-impatt tar-Riċerka u l-Innovazzjoni permezz tat-trasferiment tal-għarfien;
13. JISTIEDEN lill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, u, fejn xieraq, atturi privati kif ukoll l-NGOs u ċ-ċittadini, biex jagħmlu sforz akbar fil-kuntest tal-SFIC, f'koordinazzjoni aktar mill-qrib f'kooperazzjoni internazzjonali, fost l-oħrajn permezz ta' laqgħat konġunti u ftehimiet tax-xjenza u t-teknoloġija possibbli kif ukoll attivitajiet multilaterali ulterjuri, inkluż biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, fejn is-sinerġiji u l-valur miżjud ser jinħolqu fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew; f'dan il-kuntest, l-attivitajiet taħt Orizzont Ewropa għandhom ukoll jiġu kkunsidrati;
14. JILQA' r-Rapport tal-2018 tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Il-Prestazzjoni tal-UE fix-Xjenza, fir-Riċerka u fl-Innovazzjoni"¹⁷ bħala prova siewja tal-istat attwali tal-ekosistema ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE; JIRRIKONOXXI ż-żieda fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-UE sa mill-2010 kif irrappurtat mit-"Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea għall-2018"¹⁸; madankollu, JINNOTA bi tħassib l-iżvilupp mhux ugwali fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka u f'dan il-kuntest JENFASIZZA l-ħtieġa biex iż-ŻER tiġi mgħammra aħjar sabiex tindirizza l-isfidi ta' hawn fuq;

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, Prestazzjoni tax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE 2018, Insaħħu l-fondazzjonijiet għall-futur tal-Ewropa, 20018https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/rec-17-015-srip-report2018_mep-web-20180228.pdf

¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2018, https://ec.europa.eu/growth/industry/innovation/facts-figures/scoreboards_en

15. JILQA' l-approċċ il-ġdid tal-KŻER sabiex jorganizza dibattiti ta' orjentazzjoni strateġiċi fuq bażi regolari biex tkompli tiġi żviluppata t-taħlita tal-politiki għar-riċerka u l-innovazzjoni għaż-ŻER; JIRRIKONOXXI r-rwol importanti li jista' jkollhom dawn id-dibattiti ta' orjentazzjoni strateġiċi biex jipprovdu forum għall-Istati Membri biex jifhmu aħjar kemm huma effettivi l-politiki u l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom fuq livell nazzjonali u Ewropew, biex jiġu implimentati l-prijoritajiet taż-ŻER u jitwettqu l-oġettivi ekonomiċi u soċjali usa' tal-Ewropa; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiġbor l-evidenza maqbula dwar id-disinn u l-impatt tal-politiki tar-Riċerka u Żvilupp, inkluż billi tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-OECD, li tista' tinforma t-tfassil ta' politika nazzjonali;

REVIŻJONI TAL-ISTRUTTURA KONSULTATTIVA TAŻ-ŻER

16. JILQA' l-Opinjoni tal-KŻER dwar ir-Reviżjoni tal-Istruttura Konsultattiva taż-ŻER, u JAPPELLA lill-KŻER u l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER biex jimplimentaw malajr ir-rakkomandazzjonijiet tagħha permezz ta' Pjan ta' Azzjoni fl-2019, inkluż ir-reviżjoni tal-Mandati tagħhom kif xieraq;
17. JIRRIKONOXXI li l-Prijoritajiet taż-ŻER attwali għandhom ikomplu jkunu l-bażi ta' kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Pajjiżi Assoċjati, il-Kummissjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati fi ħdan sħubija msaħħa taż-ŻER; JINNOTA li l-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-ŻER ser jibqa' japplika, waqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, filwaqt li fl-istess ħin isir użu tad-diversità u l-vantaġġi tas-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni;
18. JENFASIZZA r-rilevanza tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki (PSF) ta' Orizzont 2020 bħala strument appoġġat ta' Programm Qafas biex jissaħħu l-politiki taż-ŻER; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA li r-riżultati tal-eżerċizzji ta' taġħlim reċiproku, ir-reviżjonijiet bejn il-pari u l-attivitajiet ta' appoġġ speċifiċi tal-PSF relatati ma' evidenza oħra relatata maż-ŻER, bħar-Rapport ta' Progress taż-ŻER u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea, għandhom jiġu sfruttati mill-partijiet kollha, inkluż mill-gruppi relatati maż-ŻER, kif xieraq; JAQBEL li għandu jkun hemm enfasi akbar fuq it-titjib tar-rilevanza u l-impatt tal-gruppi relatati maż-ŻER;

19. JIKKUNSIDRA li l-ħtiġijiet emerġenti għal attivitajiet taż-ŻER ġodda jistgħu jiġu inkorporati fil-prijoritajiet taż-ŻER eżistenti; JIRRIKONOXXI n-natura orizzontali ta' xi wħud mill-attivitajiet taż-ŻER, li titlob aktar kollaborazzjoni madwar il-prijoritajiet taż-ŻER;
20. JAPPELLA għall-adattament tal-Istruttura Konsultattiva taż-ŻER kif ġej:
- Il-KŻER għandu jespjora opzjonijiet biex jerġgħu jitnedew il-GPC eżistenti sabiex l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati jitħejjew għall-parteċipazzjoni fil-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għas-sħubijiet, ladarba jiġi deċiż id-disinn tiegħu u tal-missjonijiet fil-forum xieraq.
 - Il-gruppi relatati maż-ŻER għandhom jorganizzaw laqgħat wara xulxin jew konġunti fejn jeżistu bosta sinerġiji fir-rigward tal-kontenut u l-gruppi fil-mira. Fit-terminu medju, jiġu eżaminati l-opzjonijiet sabiex issir ottimizzazzjoni tal-għadd ta' gruppi filwaqt li tiġi żgurata kopertura adegwata tal-aspetti kollha tal-prijoritajiet taż-ŻER.
 - Il-gruppi kollha relatati maż-ŻER għandhom jespjoraw modi biex jiżdiedu l-iskambji diretti mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti taż-ŻER u jinvolvu esperti ta' kwalità għolja fil-ħidma tagħhom.
 - Sabiex jitrawmu l-iskambji bejn il-politiki taż-ŻER u taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA), għandhom jiġu stabbiliti laqgħat regolari wara xulxin dwar suġġetti rilevanti bejn il-KŻER u l-Grupp ta' Segwitu ta' Bolonja u/jew id-Diretturi Ġenerali għall-Edukazzjoni Għolja.

21. JENFASIZZA li l-effiċjenza u l-effikaċja tal-Istruttura Konsultattiva taż-ŻER għandha tiġi ottimizzata:
- Ir-rwol ta' gwida tal-KŻER fl-Istruttura Konsultattiva taż-ŻER għandu jinżamm u jissaħħa. B'dan il-mod, il-KŻER għandu jassisti l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER taħt ir-responsabbiltà tiegħu biex ikollhom kondizzjonijiet tax-xogħol ottimali għall-isforzi tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali taż-ŻER.
 - Il-mandati tal-gruppi kollha relatati maż-ŻER għandhom jagħtu objettivi ċari lil kull grupp flimkien ma' kompiti konkreti u tanġibbli.
 - Fil-każ ta' temi emerġenti mhux koperti mill-gruppi eżistenti, il-gruppi relatati maż-ŻER jistgħu jkomplu jwaqqfu Gruppi ta' Ħidma ad hoc b'objettivi definiti b'mod ċar għal perijodu limitat ta' żmien. L-Istati Membri, il-Pajjiżi Assoċjati u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiżguraw li l-parteciċpanti fit-tipi kollha ta' gruppi għandhom il-profil adattat fil-livell it-tajjeb u jikkunsidraw ukoll l-użu ta' PSF fil-kisba tal-objettivi.
 - Il-koordinazzjoni bejn il-prijoritajiet tal-Presidenza tal-Kunsill u l-aġendi tal-gruppi relatati maż-ŻER għandha tiżdied, b'mod partikolari permezz tal-involviment tal-Presidenzi futuri tal-Kunsill fil-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER li jibda 18-il xahar qabel it-terminu tagħhom.
 - Il-Kummissjoni Ewropea, inkluż iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tagħha, hija mħeġġa biex tkompli trawwem l-iskambju ta' ideat ma' gruppi konsultattivi esperti tal-Kummissjoni u l-gruppi relatati maż-ŻER, jekk ikun xieraq, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, u sabiex jitjiebu l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema konsultattiva globali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, pereżempju, għan-Netwerk Ewropew tal-Valutazzjoni tar-RŻT, jew fil-qasam tax-xjenza miftuħa u l-innovazzjoni.

IL-FUTUR TAŻ-ŻER

22. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippubblika sa nofs l-2020 Komunikazzjoni ġdida dwar iż-ŻER għall-perijodu lil hinn mill-2020, abbażi ta' evidenza soda, li tista' tippromovi prijoritajiet politiċi taż-ŻER riveduti u mekkaniżmi ta' governanza u monitoraġġ taż-ŻER fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE;
 23. JISTIEDEN lill-Presidenzi tal-Kunsill biex jikkunsidraw li jorganizzaw konferenzi ministerjali taż-ŻER regolari, mill-2020 bil-Komunikazzjoni taż-ŻER il-ġdida bħala bażi għall-iffissar tal-prijoritajiet taż-ŻER mill-Kunsill;
 24. JIKKUNSIDRA l-"Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali taż-ŻER" tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati bħala strumenti importanti biex jimplimentaw iż-ŻER. Dawn il-pjanijiet jeħtieġu għodda ta' monitoraġġ koerenti u sempliċi li għandha tintuża fil-Prijoritajiet u l-Gruppi kollha taż-ŻER li jkunu jakkomodaw id-diversi pjanijiet direzzjonali nazzjonali u li għandha tintuża fuq bażi volontarja; JINNOTA l-ħtieġa li jiġu esplorati opzjonijiet għal artikolazzjoni aħjar tal-"Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali taż-ŻER" mas-Semestru Ewropew;
 25. Barra minn hekk, minħabba l-iskadenza tal-"Pjan Direzzjonali taż-ŻER għall-2015-2020", JISSUĠĠERIXXI li l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tibda evalwazzjoni bir-reqqa ta' dan it-tip ta' għodda ta' tfassil ta' politika taż-ŻER;
 26. JISTENNA B'INTERESS il-proċess ta' reviżjoni li jmiss tal-istruttura konsultattiva taż-ŻER sa mhux aktar tard mill-2021, b'kont meħud tal-Komunikazzjoni ġdida possibbli taż-ŻER u l-eżitu potenzjali tal-ewwel konferenza ministerjali taż-ŻER.
-